Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1729/97**

ta' l- 4 ta' Settembru 1997

dwar l-aġġustament, li jsegwi bidla fi prezzijiet jew fl-imposta tal-ħażna fis-settur taz-zokkor, ta' certi rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni iffissati bil-quddiem

(ĠU L 243 , 5.9.1997, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1148/98 tat-2 ta' Ġunju, 1998	L 159	38	3.6.1998

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1729/97

ta' l- 4 ta' Settembru 1997

dwar l-aġġustament, li jsegwi bidla fi prezzijiet jew fl-imposta tal-ħażna fis-settur taz-zokkor, ta' certi rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni iffissati bil-quddiem

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1599/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artiklu 17 (5) u (15) tiegħu,

Billi l-Artiklu 7 tar-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 2135/95 tas-7 ta' Settembru 1995 li jistabbilixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-għoti ta' riffużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur taz-zokkor ([3]) jistabbilixxi li jekk, fejn ir-rifużjoni hija ffissata perjodikament, matul il-perjodu bejn il-jum ta' meta l-applikazzjoni għall-liċenzja ta' l-esportazzjoni tintbagħat u l-jum ta' l-esportazzjoni, jkun hemm bidla fil-prezzijiet taz-zokkor iffissati skond ir-Regolament (KEE) Nru 1785/81, tista' ssir disposizzjoni sabiex ir-rifużjoni tkun aġġustata; billi aġġustament bħal dak huwa biss permess meta jkun hemm bidla fil-prezzijiet stabbiliti f'eku;

Billi, fl-istabbiliment tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, jingħata kont ta' l-imposta tal-ħażna li għandha titħallas mad-disponiment taz-zokkor għaliex jagħmel parti mill-prezz '*ex-factory*' taz-zokkor irrispettivament mid-destinazzjoni tiegħu; billi, għalhekk, l-aġġustament tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni ffissati b'invit għall-offerti bl-appalt huwa provdut mhux biss wara bidliet fil-prezzijiet iffissati f'eku iżda wkoll wara bidliet fl-imposta tal-ħażna bejn il-jum li fih tintbagħat l-applikazzjoni għall-liċenzja ta' l-esportazzjoni u l-jum ta' l-esportazzjoni; billi sabiex ikun assigurat trattament ugwali u l-aqwa maniġġar tas-swieq taz-zokkor, din il-possibbiltà msemmija l-aħħar ta' aġġustament għandha tkun estiża għar-rifużjonijiet li huma ffissati perjodikament għall-esportazzjoni ta' zokkor abjad, zokkor mhux maħdum, ġulepp taz-zokkor u isoglukożju esportat fil-forma tal-prodotti elenkati fl-Anness I li jinsab mar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 fejn ikunu ffissati qabel il-bidla fil-prezz ta' l-intervent in kwistjoni u/jew il-bidla fl-imposta dwar il-ħażna u formalitajiet tad-dwana li jkunu tlestew fid-data tal-bidla jew aktar tard;

Billi t-tielet subparagrafu ta'l-Artiklu 5 (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1222/94 ([4]) jistabbilixxi li r-rata ta' rifużjonijiet ffissata bil-quddiem għandha tkun aġġustata skond l-istess regoli li japplikaw għal iffissar bil-quddiem tar-rifużjonijiet għall-prodotti bażiċi esportati fl-istat naturali; billi dak l-aġġustament huwa għaldaqstant magħmul fuq il-bażi tad-differenza bejn il-prezz ta' l-intervent taz-zokkor konċernat fil-jum li applikazzjoni għal-liċenzja ta' l-esportazzjoni tintbagħat u dak validu għall-istess zokkor fil-jum ta' l-esportazzjoni, biż-żewġ prezzijiet jiżdiedu bl-imposta tal-ħażna applikabbli fl-istess ħin bħall-prezzijiet konċernati;

Billi, biż-żieda fil-kummerċ ta' ċerti prodotti imsemmija fl-Artikolu 1(1) (d) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 u zokkor-kandju u abjad mhux maħdum, il-possibbiltà għall-aġġustar tar-rifużjonijiet għandha tkun esitża għal dawk il-prodotti taħt l-istess kondizzjonijiet u, sabiex ikun assigurat trattament ugwali, għall-isoglukożju u ġulepp inulin esportati fl-istat naturali;

([1]) ĠU L 177, ta' l-1.7.1981, p. 4.
([2]) ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 43.
([3]) ĠU L 214, tas-16.8.1995, p. 16.
([4]) ĠU L 136, tal-31.5.1994, p. 5.

▼B

Billi, fl-interessi ta' maniġġjar effiċjenti ta' dawn l-arranġamenti, numru ta'regoli amministrattivi u tekniċi għandhom ikunu stabbiliti li jippermettu l-applikazzjoni uniformi ta' l-aġġustament għar-rifużjoni għall-prodott bażiku konċernat;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 747/89 tat-22 ta' Marzu 1989 dwar l- aġġustament, wara bidla fil-prezzijiet fis-settur taz-zokkor, ta' ċerti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni ffissati bil-quddiem ([1]) għandu jitħassar u dan ir-Regolament ikun applikat għall-ewwel darba għall-esportazzjoni taz-zokkor mill-ħsad il-ġdid li għalih isiru apllikazzjonijiet tal-licenzi mill-1 ta' Ottubru 1997;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Minkejja l-Artiklu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2135/95, jekk, bejn id-data meta applikazzjoni tintbagħat għal liċenza ta' l-esportazzjoni b'iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni u d-data li fiha l-prodott huwa esportat, ikun hemm bidla fil-prezzijiet ta' l-intervent iffissati f'ekus taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1785/81 u/jew bidla fl-imposta tal-ħażna ffissata f'ekus taħt dak ir-Regolament, ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni in kwistjoni, iffissati perjodikament, għandhom ikunu aġġustati skond dawn il-kondizzjonijiet stipulati hawn taħt.

2. Il-paragrafu1 għandu japplika:

(a) għall-prodotti elenkati fl-Anness I hawn mehmus esportati fl-istat naturali; u

(b) għall-prodotti elenkati fl-Anness II hawn mehmus esportati fil-forma tal-prodotti elenkati fl-Anness I li jinsab mar-Regolament (KEE) Nru 1785/81;

mid-data ta' l-applikazzjoni tal-prezz il-ġdid ta' intervent u/jew l-ammont il-ġdid ta' l-imposta tal-ħażna.

3. Għall-għanijiet ta' l-aġġustament kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tal-ħruġ għandu, meta joħroġ il-liċenza ta' l-esportazzjoni, jimmarka d-dokument kif ġej:

"Sabiex ikun aġġustat skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1729/97 (ĠU L 243, tal-5.9.1997) fil-każ ta' merkanzija esportata mid-data ta' meta l-prezz ta' intervent il-ġdid in kwistjoni u/jew l-imposta l-ġdida tal-ħażna jibdew jgħoddu."

L-aġġustament għandu jsir meta r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni in kwistjoni titħallas.

Artikolu 2

Għal zokkor abjad li jaqa' taħt kodiċi NM 1701 99 10 elenkat fl-Annessi I u II, l-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jinkiseb b'żieda jew tnaqqis, skond kif ikun il-każ, tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni bid-differenza, espressa f'ekus għal kull 100 kilogramma ta' zokkor, bejn il-prezz ta' intervent għal zokkor abjad fiz-zoni ta' bla defiċit miżjud bl-imposta tal-ħażna applikabbli fil-jum li l-applikazzjoni għal-liċenza ta' l-esportazzjoni kienet intbagħtet u l-prezz ta' l-intervent għaz-zokkor abjad miżjud bl-imposta tal-ħażna applikabbli fil-jum ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 3

Għall-prodotti elenkati fl-Annessi I u II, bl-eċċezzjoni tal-ġulepp ta' l-inulin, li jaqa' taħt kodiċi NM:

(a) 1701 91 00, ex 1701 99 90, ►**M1** 1702 60 95 ◄, 1702 90 60, 1702 90 71, ex 1702 90 99 u 2106 90 59, l-aġġustament stabbilit skond l-Artikolu 2 għandu japplika għal kull 1 % ta' sukrożju

([1]) ĠU L 80, ta' l-20.3.1989, p. 48.

▼B

kontenut fil-prodott in kwistjoni; l-ammont għandu jkun ugwali għal parti waħda minn mija tad-differenza stabbilita skond l-imsemmi Artikolu;

(b) 1702 40 10, 1702 60 10, 1702 90 30 u 2106 90 30, l-aġġustament stabbilit skond l-Artikolu 2 għandu jgħodd għal kull 100 kilogramma ta' materja xotta kontenuta fil-prodott in kwistjoni.

Artikolu 4

1. Għall-kwalità *standard* ta' zokor mhux maħdum li jaqa' taħt kodiċi NM 1701 11 90 u 1701 12 90 elenkat fl-Annessi I u II, l-aġġustament imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jinkiseb billi tiżdied jew titnaqqas, skond il-każ, ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni skond id-differenza, espressa f'ekus għal kull 100 kilogramma ta' zokkor, bejn il-prezz ta' intervent għal zokkor mhux maħdum miżjud bl-imposta tal-ħażna, espress bħala zokkor mhux maħdum, li huma applikabbli fil-jum li l-applikazzjoni għal-liċenza ta' l-esportazzjoni kienet intbagħtet u l-prezz ta' l-intervent għal zokkor mhux maħdum miżjud bl-imposta tal-ħażna, espress bħala zokkor mhux maħdum, li huwa applikabbli fil-jum ta' l-esportazzjoni.

2. Billi l-produzzjoni ta' zokkor mhux maħdum tvarja minn dik tal-kwalità *standard* imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 431/68 ([1]), ir-rifużjoni li għandha titħallas aġġustata skond il-paragrafu 1 għandha tigi aktar aġġustata skond l-Artiklu 5 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1423/95 ([2]).

Artikolu 5

Għall-ġulepp ta' l-inulin imsemmi fl-Anness I li jaqa' taħt kodiċi NM ex 1702 60 90, l-aġġustament għal kull 100 kilogramma ta' materja niexfa għandu jkun ugwali għal dak kalkolat skond l-Artikolu 2 moltiplikat b'1,9.

Artikolu 6

Ir-Regolament (KEE) Nru 747/89 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 89, ta' l-10.4.1968, p. 3.
([2]) ĠU L 141, ta' l-24.6.1995, p. 16.

▼**B**

ANNESS I

Kodici NM	Deskrizzjoni
	Zokkor mill-pitravi u zokkor tal-kannamieli f'forma solida:
ex 1701 11 90 ex 1701 12 90	– Zokkor tal-kandu mhux maħdum
ex 1701 99 10	– Zokkor tal-kandu abjar
1701 91 00 ex 1701 99 90	– Zokkor li jkun fih materjal għat-togħma jew għall-kulur jew sustanzi ohra
	Zokkor ieħor, inkluż lattożju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju f'forma solida; ġuleppi taz-zokkor li ma jkunux miżjuda b'materjal għat-togħma jew għall-kulur, għasel artificjali sew jekk imħallat ma' għasel naturali sew jekk le; karamella u ġulepp ta' l-inulin:
	– Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li jkun fih fl-istat niexef ta' l-anqas 20 % iżda anqas minn 50 % skond il-piż ta' fruttożju:
1702 40 10	– – Isoglukożju:
	– li jkun fih, fl-istat niexef, 41 % jew aktar skond il-piż ta' fruttożju
	– Fruttożju ieħor u ġulepp tal-fruttożju, li jkun fih fl-istat niexef aktar minn 50 % skond il-piż ta' fruttożju:
1702 60 10	– – Isoglukożju
►**M1** 1702 60 95 ◄	– – Ieħor
	– Ieħor, inkluż zokkor invertit
1702 90 30	– – Isoglukożju
1702 90 60	– – Għasel artificjali, sew jekk imħallat b'għasel naturali sew jekk le
	– – Karamella:
1702 90 71	– – – Li jkun fiha 50 % jew aktar skond il-piż ta' sukrożju fl-istat niexef
	– – Ieħor
►**M1** 1702 90 99 ◄	– Ieħor
	Preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux specifikati jew inklużi band'oħra:
	– Ieħor
	– – Ġuleppi taz-zokkor bit-togħma jew kuluriti
2106 90 30	– – – Isoglukożju
	– – – Ieħor
2106 90 59	– – – Ieħor

▼**B**

ANNESS II

Kodici NM	Deskrizzjoni
1701 99 10	Zokkor abjad
1701 11 90 1701 12 90	Zokkor mhux maħdum
1702 40 10 1702 60 10 1702 90 30	Isoglukożju
ex 1702 90 99	Zokkor mill-pitravi u zokkor tal-kannamieli li jkun fih, fl-istat niexef, 85 % jew aktar skond il-piż, ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit kalkolat f'termini ta' sukrożju)